**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 15/2001**

**Il-Pulizija (Spettur David Galea)**

**Vs**

**JESMOND TABONE**

**Illum, 6 ta'Lulju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Jesmond Tabone talli fit-tlett gimghat li jibdew fis-7 ta'Settembru, 2000 u li jispiccaw fis-27 ta'Settembru, 2000, naqas li jaghti lill-martu Joanne Tabone l-manteniment dovut skond Digriet numru 545/96 moghti mill-Imhallef Onor. Dr. Noel Arrigo fis-17 ta'Marzu, 1999.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fis-16 ta'Jannar, 2001, li biha sabet lill-Jesmond Tabone hati ta'din l-akkuza, u kkundannatu ghall-7 tijiem prigunerija.

Rat ir-rikors ta'appell ta'Jesmond Tabone datat 23 ta'Jannar, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, biex b'hekk hu jigi liberat mill-akkuza dedotta kontrih, u, fin-nuqqas, tirrevoka l-istess sentenza w tissostitwiha b'sentenza li ma tinkludix prigunerija.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhud Joanne Tabone, mart l-appellant, bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu,id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena biss. L-appellant jilmenta li l-piena ta' 7 tijiem prigunerija mposta fuqu mill-ewwel Qorti hija harxa wisq.

Mill-provi li nstemghu, jirrizulta li l-appellant ma kienx qed ihallas il-manteniment lill-martu fil-perijodu imsemmi fl-akkuza l-ghaliex kien ilu wieqaf mix-xoghol. Jirrizulta li mid-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti 'l hawn, l-appellant sab xoghol stabbli u gja' ilu zmien issa jhallas l-arretrati tal-

manteniment lill-martu. Dawn il-pagamenti qed isiru regolarment kif xehdet l-istess martu. Ghalhekk huwa opportun, f'dawn ic-cirkostanzi, li jkun hemm bdil fil-piena.

Ghalhekk il-Qorti qed tiddisponi minn dan l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn sabet u dikjarat lill-appellant hati, u thassarha fil-parti tal-piena, u, minflok, tissostitwixxi dik il-piena ta' 7 tijiem prigunerija b'wahda ta' Lm20 ammenda.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur